MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**GEOFFREY VALENZIA**

Seduta ta' l-4 ta' Mejju, 2007

Citazzjoni Numru. 737/2006

**Avukat Dottor Luigi A. Sansone LL.B. (Hons), LL.D., detentur tal-karta ta' l-identita' numru 258269 ittra 'M', bhala mandatarju specjali ta' The Polo/Lauren Company, L.P., socjeta' estera registrata fl-Istat ta' New York (Stati Uniti tal-Amerika), b'indirizz ta' 650 Madison Avenue, New York, New York 10022, Stati Uniti tal-Amerika**

**vs.**

**Av. Mark Busuttil u PL Hilda Ellul Mercer nominati b'digriet tat-13 ta' Marzu 2007 bhala kuraturi deputati sabiex jirrapprezentaw lil NANAA MILOUDI, b'indikazzjoni 'NI:330308' u b'indirizz ta' 979 Souk Najd Derb Ghallef, Casablanca, Il-Marokk**

**Il-Qorti**

Rat l-**att tar-rikors** li permezz tieghu ir-rikorrent nomine ssottometta :

1. Illi s-socjeta' attrici The Polo/Lauren Company, L.P., maghrufa sew madwar id-dinja nkluz f'Malta, *inter alia* in konnessjoni ma' artikli ta' lbies (qomos), hija proprjetarja ta' diversi *trademarks* li jkopru dan in-negozju taghha u in konnessjoni ma' l-istess negozju;

2. Illi b'hila u b'invenzjoni, kif ukoll b'hafna sagrificcju finanzjarju u promozzjoni reklamattiva da parti taghha, is-socjeta' attrici akkwizixxiet reputazzjoni u avvjament enormi kemm fuq is-suq barrani u kif ukoll fuq is-lokali lokali, in konnessjoni man-negozju taghha u mat-*trademarks* taghha relattivi ghall-istess;

3. Illi fost ohrajn, is-socjeta' attrici ghandha validament irregistrati bhala *trademarks* f'Malta it-*trademarks* bin-numri ta' registrazzjoni 15841 – POLO BY RALPH LAUREN, 15842 (kliem 'Ralph ' u 'Lauren' separati b'disinn ta' plejer tal-*polo*), 21893 (disinn ta' plejer tal-*polo* fuq ziemel) u 32967 – POLO, u dan dwar qomos fost ohrajn;

4. Illi s-socjeta' attrici hija '*detentrici ta' dritt'* ghall-iskopijiet tad-dispozizzjonijiet rilevanti tal-ligi fosthom tal-Att Dwar Drittijiet Dwar Propjeta' Intellettwail (Mizuri Intrakonfini) (Kapitlu 414 ta' l-Edizzjoni Riveduta ta' l-Ligijiet ta' Malta), biex b'hekk *inter alia* tgawdi mill-protezzjoni moghtija fl-artikli 2(1)(a)(i), 4 u 8(1) tal-istess Kap. 414;

5. Illi recentement waqt l-iskrutinji taht xi wahda mill-proceduri doganali msemmija fl-artiklu 4 tal-istess Kap. 414, il-Kontrollur tad-Dwana kien issospenda r-rilaxx tal-*container* IPXU 3246507 kontenenti artikli ta' lbies (qomos) u materjal ta' ippakkettjar tal-istess, li lkoll fihom sinjali konsistenti f'rapprezentazzjoni ta' plejer tal-*polo* fuq ziemel u fil-kliem '*Polo'* u '*Ralph Lauren'* miktubin b'mod

prominenti, liema artikli waslu fil-*Freeport Terminal* tad-Dwana in transitu ghar-rilaxx eventwali favur il-konvenuta NANAA MILOUDI skond kif indikat fuq il-polza ta' karigu relattiva u *prima facie* dehru car lill-istess Kontrollur tad-Dwana li kienu jikkontravvjenu dritt dwar propjeta' intellettwali;

6. Illi s-socjeta' attrici giet mgharrfa bis-sejba fit-12 ta' Lulju 2006 u, wara li ezaminat ritratti elettronici ta' kampjuni ta' dawn l-oggetti, kkonfermat lill-istess Kontrollur tad-Dwana li fil-fatt dawn huma oggetti kontraffatti li jikkontravvjenu d-drittijiet taghha dwar propjeta' intellettwali;

7. Illi effettivament allura, l-oggetti lkoll mertu ta' din il-vertenza, li l-Kontrollur tad-Dwana indika lis-socjeta' attrici bhala seba' mija u ghoxrin (720) b'kollox, jikkontravvjenu d-drittijiet dwar propjeta' intellettwali tas-socjeta' attrici. Ghal dan il-kaz japplikaw ukoll *inter alia* u oltre d-dispozizzjonijiet ta' ligi ndikati fil-paragrafu numru 4 ta' dan ir-rikors guramentat, id-dispozizzjonijiet rilevanti tal-artikli 10, 14 sa 19 tal-Att tal-2000 Dwar it-*Trademarks* (Kap. 416) u tal-artiklu 76A(1) tal-Att XXII tal-2005;

8. Illi wara li s-socjeta' attrici nghatat id-dettalji tal-konvenuta mill-Kontrollur tad-Dwana, gie lill-istess socjeta' attrici prefiss terminu sat-8 ta' Awissu 2006 mill-hawn qabel l-imsemmi Kontrollur tad-Dwana sabiex tinghatalu l-prova li nbdew l-opportuni procedimenti gudizzjarji civili fil-konfront tal-konvenuta li jwasslu ghal decizjoni sostantiva dwar il-merti tal-kaz;

9. Illi l-esponenti *nomine* jaf personalment bil-fatti hawn kollha dikjarati;

10. Illi ghalhekk kellha ssir din il-kawza;

Ghaldaqstant ghar-ragunijiet hawn qabel premessi l-attur *nomine* jitlob li dina l-Onorabbli Qorti:

(1) tiddikjara li l-oggetti u cioe' l-artikli ta' lbies (qomos) u materjal ta' ippakkettjar li lkoll jikkontjenu sinjali

konsistenti f'rapprezentazzjoni ta' plejer tal-*polo* fuq ziemel u fil-kliem '*Polo'* u '*Ralph Lauren'* miktubin b'mod prominenti u li jinsabu prezentement taht l-awtorita' tal-Kontrollur ta' d-Dwana wara li huwa kien issospenda r-rilaxx ta' l-*container* IPXU 3246507 kontenenti l-imsemmija oggetti, jikkontravvjenu d-drittijiet dwar propjeta' intellettwali tas-socjeta' attrici;

(2) tordna lill-Kontrollur tad-Dwana li jiddisponi minn tali oggetti 'l hinn mill-kanali tal-kummerc b'dak il-mod li jipprekludu xi hsara lis-socjeta' attrici jew tordna lill-Kontrollur tad-Dwana li jiddistruggi dawk l-oggetti, f'kull kaz minghajr ebda kumpens lill-, u ghas-spejjez ta' – l-konvenuta;

(3) tiehu jew tordna lill-Kontrollur tad-Dwana li jiehu dwar dawk l-oggetti, kull mizura ohra li jkollha l-effett li effettivament iccahhad lill-konvenuta mill-beneficcji ekonomici tat-transazzjoni;

(4) tordna li l-konvenuta ghandha tbati l-ispejjez kollha konnessi mal-mizuri ordnati ai termini tat-tieni u tat-tielet talbiet attrici, nkluzi dawk tat-trasport tal-imsemmija oggetti ghall-hazna qabel id-distruzzjoni eventwali taghhom, tal-hazna stess, tat-trasport mill-lok tal-hazna sal-lok tal-eventwali distruzzjoni, u tad-distruzzjoni stess.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuta li tibqa' minn issa ngunta ghas-subizzjoni taghha.

Rat ir-**risposta ta' l-intimati** a fol. 97 tal-process fejn eccepew:

1. Illi l-esponenti m'humiex edotti mill-fatti w ghalhekk qed jirrizervaw id-dritt li jipprezentaw l-eccezzjonijiet/risposta motivata kif u meta jigu infurmati mill-fatti.

Salv eccezzjonijiet ohra.

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti ezibiti;

Rat l-affidavit ta’ Dr. Luigi A. Sansone noe; ta’ George Agius, Ufficjali tad-Dwana;

Rat li dawn il-provi ma gew bl-ebda mod ikkontestati;

Mill-provi prodotti jidher li t-talbiet attrici ghandhom jigu milqugha.

**DECIZJONI**

Ghal dawn il-motivi
Il-Qorti tiddeciedi
Billi tilqa’  t-talbiet attrici;
Bl-ispejjez kontra l-konvenuti, b’dan li provizorjament id-drittijiet tal-kuraturi
ghandhom jithallsu mir-rikorrent nomine.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------